# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 39**

**Citaz. Nru. 687/98GV**

Doc. 120-01

**Anthony Borg, Gaetano Borg, Nicholas Borg u Alfred Borg**

**-vs-**

**Philip Borg u b'digriet tal-4 ta' Gunju, 1999, gie kjamat in kawza fl-atti tac-citazzjoni Charles Borg**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illl l-kontendenti lkoll flimkien huma kompropjetarji tal-proprjeta' immobbiljari li jinsabu f'numru 14/17, Holy Trinity Street, Marsa u numru 12 Rudolph Street, Sliema; u 42 u 44 St. Anthony Street, Marsa.

Premess illi l-atturi ma jridux jibqu izjed jippossjedu dawn l-assi indivizament

bejniethom u jixtiequ illi jew issir qasma bejniethom jekk dan huwa possibli jew inkella l-beni jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom li ghandhom jigu stabbiliti;

L-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 Prevja d-dikjarazzjoni illi l-proprjeta' immobbiljari u assi ndikati jappartjenu lill-kontendenti ndivizament bejniethom fil-kwota li din il-Qorti tistabilixxi wara d-debita verifika;

2 Taqsam u tiddividi l-istess proprjeta' bejn il-kontendenti skond il-kwoti spettanti lilhom u tordna li l-qasma definittiva ssir skond kif hekk tiddeciedi u ghal dan il-fini tinnomina Nutar Pubbliku u tistabbilixxi gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' qasma u fl-istess hin tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumaci;

3 F'kaz illi t-talba fil-paragrafu precedenti m'hijiex possibli tordna il-bejgh bis-subbasta tal-beni elenkati jew liema minnhom u tordna li wara li jsir dan ir-rikavat jitpogga fir-Registru tal-Qorti biex ikun jista' jigi moghti lil u zbankat mill-kontendenti skond il-kwoti spettanti lilhom;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi a fol. 2 tal-process;

Rat in-nota ta' Eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 11 tal-process fejn eccepew:

1 Illi c-citazzjoni hija nulla peress illi qed tintalab divizjoni parzjali tal-proprjeta' komuni li hemm bejn il-partijiet;

2 Fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti jridu li d-divizjoni tinkludi wkoll 42 u 44, St. Anthony Street, Marsa.

Rat id-digriet a fol. 15 li bih gie kjamat fil-kawza Charles Borg;

Rat in-nomina tal-Perit Albert Fenech a fol. 7;

Rat id-digriet a fol. 24 li bih zdiedu l-fondi 42 u 44 St. Anthony Street, Marsa fit-talbiet ta' l-atturi;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Fenech a fol. 29 et seq;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma sar ebda rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti prevja d-dikjarazzjoni illi l-proprjeta' immobbiljari u assi indikati jappartjenu lill-kontendenti indivizament bejnithom fil-kwoti li dina l-Qorti tistabbilixxi wara d-debita verifika; Taqsam u tiddividi l-istess proprjeta' bejn il-kontendenti skond il-kwoti spettanti lilhom u tordna li l-qasma definittiva ssir skond kif hekk tiddeciedi u ghal din il-fini tinnomina Nutar Pubbliku u tistabilixxi gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' qasma u fl-istess hin tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumaci; F'kaz illi t-talba fil-paragrafu precedenti mhiex possibili tordna l-bejgh bis-subasta tal-beni elenkati jew liema minnhom u tordna li wara li jsir dan, ir-rikavat jitpogga fir-Registru tal-Qorti biex ikun jista jigi moghti lilhom u zbankat mill-kontendenti skond il-kwoti spettanti

lilhom.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew **li** c-citazzjoni hija nulla billi qed tintalab divizijoni parzjali tal-proprjeta' komuni li hemm bejn il-partijiet; fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti jridu li d-divizjoni tinkludi wkoll il-fondi 42 u 44 St/ Anthony Street, Marsa.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar il-fondi numru 42 u 44 St. Anthony Street, Marsa kienet saret talba, ara fol. 24, u l-Qorti kienet ordnat li dawn il-fondi jkunu parti mit-talbiet ta' l-atturi.

Il-Qorti kienet innominat lill-Perit Albert Fenech biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijniet tal-konvenuti.

Il-Perit ipprezenta r-rapport tieghu a fol. 29. Hu kkonkluda li l-fondi m'humiex komodament divizibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi taghhom (ara fol. 50 u par. 25).

Hu ndika liema huma l-fondi fil-par. 26, imbaghad ghadda biex ta' deskrizzjoni dettaljata taghhom fil-par. 28. Fil-par. 29 hemm il-valutazzjoni tal-fondi. Il-Perit, wara li ezamina d-diversi kuntratti ezebiti u semgha x-xhieda, iddetermina s-sehem ta' kull wiehed mill-partijiet rigward kull fond involut.

Is-sehem ta' Alfred Borg hu indikat fil-par. 21.

Is-sehem ta' Anthony, Gaetano u Nicholas ahwa Borg hu ndikat fil-par. 22;

Is-sehem ta' Charles Borg hu ndikat fil-par. 23;

Is-sehem ta' Philip Borg hu ndikat fil-par. 24.

L-atturi rrimettew ruhhom ghar-rapport tal-Perit nominat, tant li talbu li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-konvenut u kjamat fil-kawza ma dehrux u lanqas ma talbu li dina l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk fin-nuqqas ta' oppossizjoni l-Qorti qed tehodha li huma jaqblu mal-konkluzzjoni tal-perit.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tiddikjara illi l-proprjeta' immobbiljari u assi indikati jappartjenu lill-kontendenti indivizament bejnithom; taqsam u tiddividi l-istess proprjeta' bejn il-kontendenti skond il-kwoti ndikati mill-perit fil-par. 21 sa 24 tar-relazzjoni tieghu li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Billi l-fondi m'humiex komodament divizibbli bejn il-partijiet skond il-kwoti rispettivi taghhom tordna l-bejgh bis-subasta tal-beni elenkati u li wara li jsir dan, ir-rikavat jitpogga fir-Registru tal-Qorti biex ikun jista jigi moghti lilhom u zbankat mill-kontendenti skond il-kwoti spettanti lilhom.

Bl-ispejjez bejn il-partijiet skond il-kwoti rispettivi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**